MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 509/2013

**Emanuel Psaila**

**-vs-**

**Carmel Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur Emanuel Psaila fid-29 ta’ Mejju 2013, li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponent huwa proprjetarju tar-razzett bla numru uffiċjali li jġib l-isem ‘Noel Farm’ mibni fuq il-porzjon diviża ta’ art fil-limiti tas-Siġġiewi in kontrada ‘Tal-Ħandaq’ u jġib l-isem ‘Ta’ Cnipruha’ *sive* ‘Ta’ Anepruka’ u li huwa mqassam fuq żewġ għelieqi li fit-total tagħhom (inkluż fejn hemm ir-razzett) li għandhom kejl kompessiv ta’ ċirka ħamest elef, tlett mija u sitta u sittin metri kwadri (5,366

m.k.), inkluż ukoll garaxx kbir formanti parti mill-imsemmi razzett.

Illi l-esponent sar proprjetarju tal-imsemmi razzett permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat it-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) in atti Nutar Anthony Abela (kopja hawn annessa bħala Dok 'A').

Illi l-intimat qiegħed jokkupa partijiet minn tali razzett, inkluż ukoll l-imsemmi garaxx fejn huwa jżomm diversi nġenji konnessi mal-industrija tal-kostruzzjoni (fosthom trakkijiet, injam tax-*shuttering* u oġġetti oħra anċillari) u dan mingħajr ebda titolu validu skond il-liġi.

Illi minkejja li ġie nterpellat diversi drabi mir-rikorrent sabiex jiżgombra minn ġol-imsemmi razzett u l-benefikati kollha li hemm ġo fih u sabiex jirrilaxxja l-pussess vakanti tal-imsemmi razzett a favur tar-rikorrent iżda l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk qed issir din il-kawża.

Illi fil-fehma tar-rikorrent l-intimat m'għandu ebda difiża leġittima xi jressaq skond il-liġi u għalhekk din il-kawża għandha tiġi ttratata u deċiża skond proċeduri speċjali sommarji a tenur tal-artikolu 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddispensa bis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Prevja kull dikjarazzjoni oħra *talvolta* meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa r-razzett bla numru uffiċjali li jġib l-isem 'Noel Farm' mibni fuq il-porzjon diviża ta' art fil-limiti tas-Siġġiewi in kontrada 'Tal-Ħandaq' kif fuq deskritt, inkluż ukoll garaxx kbir formanti parti mill-imsemmi razzett u ambjenti oħra

formanti parti mill-istess razzett proprjeta’ tar-rikorrent mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn din l-istess Onorabbli Qorti jiżgombra mill-fuq imsemmi razzett u minn kull ambjent fih kontenut u jirrilaxxja l-pussess vakant tar-razzett fuq imsemmi a favur tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

B’riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent inkluż kull azzjoni għad-danni anke għall-okkupazzjoni bla titolu.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat in-nota t’ammissjoni tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-attur li permezz tagħha rrinunzjat għat-talba fil-mertu *stante* li ċ-ċavetta tal-fond in kwistjoni ġiet restitwita lill-attur u talbet li tingħata sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni li tipprovdi dwar il-mertu, tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------